# ID-DAWL

NOVEMBRU 2024 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 83

**“Dawk li meta jonfqu, la huma ħaljin u lanqas xħaħ, iżda jadottaw pożizzjoni moderata fin-nofs.”**




Bħal Vjaġġatur | Il-Lemħ ta’ Alla | L-Evitar tal-Estravaganza | Il-Konvenzjoni Annwali 2024

Editorjal

# Bħal vjaġġatur

*Imam Laiq Ahmed Atif*
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat*

Il-ħajja dinjija mhijiex twila. Il-bniedem jiġi f’din id-dinja biex jgħix għal xi snin u mbagħad jitlaq lejn il-ħajja dejjiema. Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal li l-bniedem għandu dejjem iżomm il-ħajja futura quddiem għajnejh.

Darba, Ħażrat Umar[ra], it-Tieni Kalif tal-Iżlam, żar lill-Qaddis Profeta Muħammad[sa] li kien qed jistrieħ fuq mitraħ li kien qed jimmarkalu dahru, u ntebaħ li d-dar tal-Qaddis Profeta kienet kważi vojta. Ħażrat Umar[ra] beda jibki meta ra din is-sofferenza tal-Qaddis Profeta[sa], filwaqt li l-infidili kienu qed igawdu l-aqwa affarijiet materjalistiċi ta’ din id-dinja. Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] stqarr li ma kellu bżonn xejn ta’ din id-dinja. Huwa qal li kien qisu vjaġġatur, li jterraq fi sħana kbira, imbagħad jieqaf fid-dell għal ftit minuti biss, ħalli l-bhima tiegħu tkun tista’ tistrieħ, u wara jkompli jivvjaġġa fis-sħana għal darba oħra.

Illum il-ġurnata, meta d-dinja saret wisq okkupata bil-materjaliżmu, hemm bżonn ta’ fidi b’saħħitha biex inżommu l-bilanċ bejn il-ħajja fiżika u l-ħajja spiritwali. Għax, il-bniedem jiġi f’din id-dinja għal xi għexieren ta’ snin biss; din il-ħajja hija temporanja u l-ħajja l-oħra hija permanenti u huwa ferm importanti li kif naħdmu biex nagħmlu din il-ħajja sabiħa, huwa wkoll importanti, anzi importantissimu, li naħdmu għall-ħajja l-oħra.

## ID-DAWL

NOVEMBRU 2024 – Numru 83– Pubblikazzjoni ta’
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyyamalta.org**

## INDEX

Like a traveller 02
Why we cannot see God? 03
Avoiding extravagance 04
Jalsa Salana Malta 2024 06
Interfaith Diversity Week 08

**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** **ESB Professional | Shutterstock**
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira

# Q&A Il-lemħ ta' Alla: Għalfejn ma narawx lil Alla l-Eżaltat?

Darba waħda tifla staqsiet lill-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba], il-Mexxej tal-Ahmadiyya Muslim Jamaat, dwar il-lemħ ta' Alla. Huwa wieġeb: "Alla l-Eżaltat huwa l-Esseri li ma jistax jintlemaħ."

Filwaqt li kien qed ikellem lit-tifla, huwa pponta lejn il-bozza li kien hemm mas-saqaf u staqsa, "Inti qed taraha dik il-bozza u d-dawl tagħha, hux?" Imbagħad il-Qdusija Tiegħu pponta lejn il-mejda ta' quddiemha u staqsa, "Aħna nistgħu naraw id-dawl rifless fuq il-wiċċ. Kif wasal hawn? Tista' tara d-dawl jiċċaqlaq minn hemm fuq għal hawn?"

Huwa staqsa lit-tifla mill-ġdid u mbagħad spjega:

"Huwa d-dawl tal-bozza. Il-bozza qed tixgħel f'postha, filwaqt li d-dawl qed jidher hawn [il-wiċċ tal-mejda]. Iżda hemm distanza bejn iż-żewġ oġġetti. Mhux suppost li naraw xi ħaġa oħra hawn ukoll? Id-dawl mexa minn hemm fuq u wasal hawn. Tista' tara xi ħaġa fin-nofs?"

Huwa staqsa lit-tifla mill-ġdid. It-tifla wieġbet li l-movimenti ma kinux viżibbli.

Imbagħad il-Qdusija Tiegħu wieġeb: "Ma tistax tara, hux tassew? Alla l-Eżaltat huwa aktar qawwi u d-dawl Tiegħu huwa tali li ma jistax jintlemaħ. Iva, il-kreazzjonijiet ta' Alla jistgħu jidhru. It-talbiet tiegħek qatt instemgħu?"

It-tifla wieġbet fl-affermattiv, u għalhekk Huwa ssokta:

"Hekk 'naraw' lil Alla l-Eżaltat. Alla l-Eżaltat jgħid fil-Koran Imqaddes li hemm l-art, il-pjaneti, l-univers, il-ħolqien kollu, il-pjanti u l-veġetazzjoni … L-Awstralja hija magħrufa wkoll bħala post importantissimu għall-flora u l-fawna. Alla l-Eżaltat ħalaq dawn l-affarijiet kollha. Osserva kollox! Hemm pjanta li tikber hawn … Fil-fatt jingħad li jekk pjanta ma jkollhiex weraq, mela … huwa bis-saħħa tal-klorofilla li pjanta tieħu l-ħajja. Il-weraq għandhom funzjoni importanti f'dan kollu. Ukoll, jiena rajt pjanti li huma biss ħatar u z-zokk ħa post il-weraq u fuq nett hemm fjura kbira, sabiħa, imlewna. Għalhekk dan ukoll huwa l-ħolqien ta' Alla. Ħares lejn kulma ħalaq Alla u agħti kasu. Imbagħad, inti tilmaħ lil Alla l-Eżaltat hemmhekk."

# L-evitar tal-Estravaganza

## Il-Koran Imqaddes

"Agħtu lill-qraba dak li ħaqqhom, u lill-foqra u lil kull min jivvjaġġa, u tberbqux l-għana tagħkom bl-addoċċ. Tassew, l-istravaganti huma l-aħwa tax-xjaten, u x-Xitan mhuwiex grat lejn il-Mulej." (17:27-28)

"Dawk li meta jonfqu, la huma ħaljin u lanqas xħaħ, iżda jadottaw pożizzjoni moderata fin-nofs." (25:68)

"Ja wlied Adam! Agħtu kas kif tidhru f'kull waqt u lok ta' qima, u kulu u ixorbu iżda taqbżux il-limiti; tassew, Huwa ma jħobbx lil dawk li jaqbżu l-limiti." (7:32)

"Agħtu lill-qraba dak li ħaqqhom, u lill-foqra u lil kull min jivvjaġġa, u tberbqux l-għana tagħkom bl-addoċċ." (17:27)

## Diskorsi tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa]

Darba, Ħażrat Umar[ra] qal lil Ħażrat Suhaib[ra], "Inti ġeneruż wisq meta titma' lil ħaddieħor; madanakollu nibża' li qed tkun ħali żżejjed." Ħażrat Suhaib wieġeb, "Jien inqassam l-ikel skont dak li amarli l-Qaddis Profeta Muħammad[sa]. Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] widdibni li l-aqwa fostkom huwa dak li jitma' lill-oħrajn u jestendi t-tislim tal-paċi. Jiena mxejt fedelment ma' dan il-parir li tani l-Qaddis Profeta Muħammad[sa] meta wasalt f'Medina u nonfoq biss dak li huwa leġittament sewwa u ma noqgħodx ninħela fl-istravaganzi."

Abu Saeed Khudri[ra] jirrakkonta: "Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, kien jagħlef l-iġmla (huwa stess). Huwa kien jagħmel xogħlijiet tad-dar, isewwi ż-żraben, iraqqa' l-ilbies, jaħleb in-nagħaġ, jiekol flimkien mal-qaddej u jitħan (id-dqiq) miegħu meta dan jegħja. Huwa ma kienx jistħi jġorr ix-xirja mis-suq sa għand niesu. Huwa kien jieħu b'idejn l-għani u l-fqir, u kien ikun minn tal-ewwel li jsellem. Huwa ma kienx jiddejjaq jilqa' xi stedina, imqar biex jiekol xi tamar. Huwa kellu karattru

ħelu u qalb tajba. L-imġiba tiegħu kienet mill-aħjar u kien dejjem b'wiċċ ferrieħi. Huwa kien jitbissem, imma ma kienx jidħak jgħajjat. **Lanqas ma kien ikun imqit meta kien ikun imdejjaq. Huwa kien umli, iżda ma kienx jintrema; kien ġeneruż, iżda mingħajr ħela. Kellu qalbu tajba u kien ħanin ma' kulħadd.** Huwa qatt ma kien jiekol sa ma jasal biex jibda jitfewwaq. Huwa qatt ma midd idu b'xeħħa." (*Mishkaat*)

Il-Koran Imqaddes jiggwidana biex ngħixu ħajja sempliċi biex b'hekk niksbu s-sliem u s-sigurtà. Alla jordnalna fil-Koran Imqaddes biex nużaw parti mill-ġid tagħna għall-benefiċċju tal-oħrajn u jfakkarna biex ma nkunux ħalja u berbieqa. Alla jwiddibna li l-ġid li nonfqu fuq ħwejjeġ frivoli jistieden il-kumpanija tax-xitan. Il-prinċipju eċċellenti tal-Iżlam dwar il-moderazzjoni huwa enfasizzat bil-qawwa. Niċċaraw li Alla ma jċaħħadniex milli nużaw il-flus fuqna nfusna, imma rridu nwettqu dan b'moderazzjoni. Il-Koran ma jiddefendi la l-axxetiżmu u lanqas l-edoniżmu.

Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] stqarr li l-moderazzjoni fl-infiq hija nofs l-ekonomija. Stqarr ukoll li dawk li jibqgħu kuntenti waqt żminijiet ta' miżerja jsibu kenn f'Alla. Bi ħsieb profond, huwa widdeb li jekk bniedem ikollu saħansitra wied mimli deheb, dik il-persuna xorta tkun tixtieq li jkollha wied ieħor.

Fil-Koran Imqaddes, Alla l-Omnipotenti jelenka l-kwalitajiet tal-qaddejja devoti u ġusti ta' Alla, fosthom hemm li, **'meta jonfqu, huma ma jkunux ħalja'.** Li jfisser, la jonfqu l-flus personali tagħhom fuq affarijiet biex bihom joqogħdu jiddandnu u lanqas jonfqu bl-addoċċ mingħajr ħsieb.

Eżempju ċar fejn wieħed jonfoq il-flus tiegħu biex jiffanfra u dan qed isir aktar komuni huwa meta jorganizzaw il-festeġġjamenti tat-tiġien li jibqgħu għaddejjin għal ġranet u ġimgħat sħaħ. Biex jiddandnu bir-rikkezzi tagħhom u biex jiġbdu l-attenzjoni, ikun hemm ħafna tipi ta' ikel u jitħejjew attivitajiet li jiswew ħafna flejjes. Barra minn hekk, jintefqu ħafna flus fuq il-ġojjellerija, fuq il-ħwejjeġ u r-rigali, u kulħadd jipprova jonfoq aktar minn ħaddieħor. Dan huwa kollu tberbiq.

Xi kultant tant jintefqu flus b'mod estravaganti li kieku jintużaw sewwa għat-titjib tal-umanità, kieku eluf ta' familji jgħixu ħajja aktar diċenti.

# Is-6 Jalsa Salana Malta




Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta organizzat is-6 Jalsa Salana (Konvenzjoni Annwali) tagħhom nhar il-Ħadd 20 ta' Ottubru 2024, fiċ-Ċentru tal-Komunità fl-Imsida, Malta. It-tema tal-Jalsa ta' din is-sena kienet **Il-Barkiet ta' Kalifat.** Il-Konvenzjoni bdiet bil-qari mill-Koran Imqaddes, poeżiji u diskorsi fuq suġġetti differenti; u nqara wkoll il-messaġġ tal-Mexxej tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba]. Fil-messaġġ tiegħu, il-Qdusija Tiegħu ta struzzjonijiet lill-membri tal-Komunità biex iwessgħu l-għarfien u l-fehim reliġjuż tagħhom. Huwa qal li:

**"L-okkażjoni tal-Jalsa mhijiex lok għal kisbiet materjalistiċi jew rikreazzjoni iżda pjuttost hija opportunità biex wieħed igawdi mill-atmosfera spiritwali u biex iħabrek għall-ġid tar-riformazzjoni morali tagħna. Nitlob biex Alla l-Omnipotenti jagħtina l-kapaċità biex inbiddlu l-kundizzjonijiet tagħna, biex inħabirku ħalli nġibu bidla fil-kundizzjonijiet ta' wliedna, biex inżommu l-ambjent tad-djar tagħna trankwill, u biex naħdmu għall-paċi fis-soċjetà tagħna. Aħna għandna nġibu l-paċi u s-sigurtà fid-dinja. Jalla Alla jbierek il-Jalsa Salana tagħkom b'suċċess kbir u jalla jħeġġiġkom biex iġġibu trasformazzjoni kbira fil-ħajja tagħkom għal aktar mogħdrija, imġiba virtuża, għemejjel tajba u aktar servizz għall-Iżlam Ahmadiyya u l-umanità. Jalla Alla jberikkom ilkoll."**

Il-Jalsa saret f'żewġ sessjonijiet. Id-diskorsi saru kemm bl-Ingliż kif ukoll bl-Urdu. Is-suġġetti tad-diskorsi kienu: l-eżistenza ta' Alla; l-Iżlam reliġjon ta' paċi; il-ħniena tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa]; ir-rwol tal-ġenituri fit-trobbija tat-tfal; l-importanza tal-Koran Imqaddes; il-virtujiet u l-valuri morali; u l-Kalifat: Barka kbira.




## Il-Festival tal-Ktieb 2024

Bil-grazzja u l-ħniena ta' Alla, il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta pparteċipat fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb, li sar mis-6—10 ta' Novembru 2024 fl-MFCC Ta' Qali.



# Interfaith Diversity Week




L-Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta ħadet sehem b'mod attiv fiż-żjarat ta' sitt skejjel fi ħdan il-Kulleġġ San Injazju, biex tiċċelebra l-'Interfaith Diversity Week' organizzata mill-Malta Foundation for the Wellbeing of Society, b'kollaborazzjoni mal-komunitajiet reliġjużi biex tiċċelebra l-'Interfaith Diversity Week', bejn it-18 u t-22 ta' Novembru 2024. Dawn iż-żjarat ġew organizzati taħt il-gwida tal-President Emeritus, l-Eċċellenza Tagħha, Marie-Louise Coleiro Preca.

# Il-għotja tal-kotba




L-Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta tat madwar 100 ktieb tat-tfal lill-Iskola Sekondarja tal-Kulleġġ Santa Tereża, l-Imrieħel. Il-kotba ġew ippreżentati lill-Kap tal-Iskola.

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**